MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2008

Numru. 1451/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MARTIN SAMMUT**

**KONTRA**

**JONATHAN CHRISTIAN BORG**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Jonathan Christian Borg ta’ 20 sena, iben Anthony u Doreen nee’ Micallef, imwieled fis-26 ta’ Dicembru, 1986 Tal-Pieta’, residenti fil-fond Flat 5, Bini tal-Gvern, Entratura B, Triq Dun Luret Callus, Zebbug (Malta), detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 19287M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet:

1. Talli f’dawn il-Gzejjer, nhar il-31 ta’ Mejju, 2007 ghall-habta ta’ nofs in-nhar neqsin kwart, gewwa l-lukanda Westin Dragonara Hotel, San Giljan, bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt meta ttanta jikkometti serq ta’ apparat elettroniku, u cioe’ projector tal-marka ‘Infocus’, li jiswa iktar minn Lm100.00 (mitt lira maltin), izda inqas minn Lm1,000.00 (elf lira maltin), ghad-dannu tal-Westin Dragonara Hotel, liema serq kieku sehh kien ikun aggravat bl-ammont, u bil-persuna, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tieghu.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat f’dan l-istadju ta’ dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi sabiex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Wara li rat l-Artikoli 41, 261, 267, 268, 279, u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat Jonathan Christian Borg hati tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontrieh, izda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jergax jaghmel reat iehor fi zmien sena (1), ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------